**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edmond Cuschieri]**

**vs**

**Alfred Vassallo**
**Noel Vassallo**

**Kumpilazzjoni Numru: 758/2014**

**Illum, 30 ta' Settembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Alfred Vassallo detentur tal-karta tal-identita` numru 143763M u kontra Noel Vassallo detentur tal-karta tal-identita` numru 282891M akkuzati talli:

1) Nhar il-15 ta' Gunju 2013 ghall-habta tal-11:00am gewwa Fomm ir-Rih limiti tal-Imgarr volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` fuq vettura ta' ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni DAH239, liema ammont ta' hsara huwa

izjed minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) liema hsara saret ghad-dannu ta' Emanuel Micallef u/jew persuni ohra;

2) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbew ghall-istess Emanuel Micallef u kkagunawlu feriti ta' natura hafifa;

3) Iz-zewg imputati gew ukoll akkuzati li kisru ordni ta' garanzija imposta fuqhom mill-Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D liema garanzija giet imposta b'sentenza nhar l-10 ta' Lulju 2012 u li fiha gew marbuta illi ghal zmien sena ma jimmolestawx lil vittma Emanuel Micallef.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat il-fedina tal-imputat Alfred Vassallo li hija wahda refrattarja;

Rat il-fedina tal-imputat Noel Vassallo li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq glieda bejn l-imputati u l-parte civile li sehhet hdejn l-ghelieqi taghhom gewwa Fomm ir-Rih, l-Imgarr, fejn il-parte civile, Emanuel Micallef, spicca ferut u l-vann tieghu garrab certu hsarat.

Xehed l-**Ispettur Edmond Cuschieri** li pprezenta stima tal-hsarat li allegatament saru fuq il-vettura Isuzu DAH 239 li tappartjeni lil Emanuel Micallef liema stima tammonta ghal €1,537.44c - Dok. EC1 esebit a fol. 34 et seq.

Xehed **Emanuel Micallef** li qal li kien fl-ghalqa tieghu gewwa Fomm ir-Rih mill-5:00am fejn meta mar fil-vann tieghu biex jistrieh "*nizlet Land Rover bin-numru 300.*" Ix-xhud gharaf lill-imputati Vassallo fl-awla u qal li nizlu bis-sahha u waqfu quddiemu fejn nizlu u bdew jghidulu "*inti xebgha trid*". Dak il-hin "*Alfred Vassallo ta daqqa ta' ponn gol-hgiega u baqghet gejja go wicci u carratli idi, it-tifel fetah il-bieba l-ohra … u beda jtini bis-sieq.*" Qal ukoll li qabdu z-zappuna li kellu fil-karozza u

ramewhielu u dam xahrejn ma setax jiekol minhabba halqu. Waqt dan kollu qal li huwa kien gol-vann tieghu mentri l-imputati kienu fuq saqajhom barra l-vann. Qal li t-tnejn li huma setghu jilhquh ghax it-tifel fetah il-bieba u beda jtih bis-sieq fejn tah xi ghaxar daqqiet ta' sieq mentri missieru tah xi erbgha jew hames daqqiet go wiccu. Wara qal li mar jaghmel rapport u certifikat mediku. Qal li l-imputati kisrulu l-vann ukoll. Huwa qal li ma kienx hemm incidenti ohrajn wara dan. Pero` qal li kien hemm kawza ohra fejn ghalqulu t-triq. Qal li huwa ghandu garanzija ghal sena fejn l-imputati ma jkellmuhx u ma jinzlux fir-raba' tieghu. Huwa qal li l-battibekki bdew ghaliex l-imputati riedu jifthu triq fir-raba tieghu sabiex jghaddu minn hemm izda x-xhud ma halliehomx ghax m'ghandhomx dritt.

Xehed **Carmel Micallef**, iben il-parte civile Emanuel Micallef, li qal li fil-15 ta' Gunju missieru kien cempillu darbtejn ghall-habta tal-10:30/11:00 fejn infurmah li kien hemm Land Rover fil-proprjeta` taghhom. Waqt li kienu qed jitkellmu fuq it-telefon missieru qallu li l-Land Rover regghet telghet minn gol-proprjeta` taghhom "*imbaghad il-mobile nqata*". Ix-xhud qal li huwa s'hemmhekk biss jaf. Qal li pprova jcempel lill missieru izda ma rrispondihx. Wara tlett kwarti rega' cempillu missieru fejn

qallu li hebbew ghalih, wiehed min-naha u l-iehor min-naha l-ohra fejn kisrulu l-hgiega tal-vann u tawh bil-ponn go wiccu. Qal ukoll li sema' storbju ta' ghajjat ta' nies imbaghad il-mobile nqata'. Filghaxija ra lil missieru li kellu wiccu minfuh u grif f'idejh. Il-vann ta' missieru kellu l-hgiega tal-lemin imkissra, bieba kwazi mqaccta mic-cappetti u l-*mudguard* maqluh. Ix-xhud ikkonferma l-hsarat li kkonstata s-*surveyor* Natalino Agius.

Fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2017 l-Ispettur Antoine Cilia pprezenta Dok. AC1 a fol. 55 et seq li jikkonsistu f'diversi ricevuti.

Xehdet **Dr. Thea Chetcuti** fejn qalet li fil-15 ta' Gunju 2013 ghall-habta tan-nofs siegha kienet ezaminat lil Emanuel Micallef. Hija pprezentat certifikat mediku (Dok. TC1 li jinsab a fol. 66) fejn hija kkonstatat in-natura tal-griehi bhala hfief salv kumplikazzjonijiet.

Xehed **Jason Psaila** inrapprezentanza ta' Andrew's Garage. Huwa kkonferma li Dok. AC1 a fol. 55 et seq jikkonsisti f'diversi ricevuti mahrugin minnu. Huwa qal li l-ammont kien €835.44 inkluz VAT dwar *panel beating* fuq Isuzu DAH239. In kontroezami x-xhud

qal li ma setax jiftakar jekk il-*parts* kien xtrahom il-klijent jew Andrew's Garage.

Xehed l-imputat **Noel Vassallo** li qal li l-familja tieghu ghandha ghalqa gewwa Fomm ir-Rih u ghandhom kuntratt fejn jistghu jghaddu minn triq tal-konkos. Dakinhar tal-incident huwa kien ma' missieru Alfred Vassallo u kien bil-vettura tieghu Land Rover. Skont ix-xhud vettura wahda biss tghaddi mit-triq inkwistjoni. Qal li kien huwa qed isuq u waqt li kienu dehlin ghall-ghalqa ltaqghu ma' Emanuel Micallef hiereg 'il barra lejn l-Imgarr bil-karozza tieghu Isuzu. L-imputat qal li huma waqfu fejn hemm l-access ghall-ghalqa taghhom u nizlu bir-rigel, gabru l-frott li kellhom jigbru u regghu hargu fejn sabu l-Land Rover maghluqa bl-Isuzu li kellha l-bibien miftuhin. Huwa spjega li ma kellu litteralment l-ebda access minn fejn johrog. L-imputat qal lil missieru li ha jmur jkellem lil Emanuel Micallef bil-kelma t-tajba. Zied jghid li mar huwa stess u mhux missieru peress li missieru diga` kellu xi dizgwid ma' Emanuel Micallef. Spjega li Emanuel kien fuq is-*seat* tax-xufier tal-vettura tieghu b'saqajh 'il barra u meta mar hdejh biex ikellmu dan hareg ghalih, hatfu mill-flokk fejn spicca b'brix ma' sidru. Skont l-imputat Emanuel Micallef lanqas biss tah cans jitkellem. L-imputat qal li dak il-hin

*"iddefendejt naqra ruhi. Gejna naqra fl-idejn."* Zied jghid li dak il-hin jaf li nkissret it-tieqa tal-karozza ta' Emanuel Micallef pero`qal *"imbaghad ma naf xejn li gara."* Sadanittant wasal missieru biex jifridhom fejn Emanuel beda jirriversja bil-fixkla u stennewh johrog qabel ma marru jaghmlu rapport.

In kontroezami l-imputat qal li waqt il-glieda Emanuel Micallef baqa' b'dahru lejn il-vann u allura jahseb li huwa kiser il-hgiega bil-minkeb tieghu. Mistoqsi jekk x'hin ta d-daqqa jdejh baqghet ghaddejja mit-tieqa qal *"Jista' jkun"*. Huwa kkonferma li hemm garanzija pero` qal li qatt ma dejqu lil Emanuel Micallef la ghandhom dritt jghaddu minn dik it-triq. Mistoqsi biex jikkonferma jekk il-parte civile ta' hamsa u sebghin sena aggredih wiegeb li iva.

Xehed ukoll l-imputat **Alfred Vassallo** li qal li kien fil-Land Rover tieghu meta sema' l-ghajjat, hares lura u rahhom ma' xulxin u ghalhekk mar biex jifridhom. Spjega li Emanuel u ibnu kienu ma' l-Isuzu, man-naha tax-xufier. Huwa qal li biex ferraqhom gibidhom minn ma' xulxin. Huwa kompla jghid hekk: *"U jien bdejt qisu nibki. Bdejt nghidlu: "Iva ser tibqa' mqabbad maghna? Kull darba li nigu hawn l-ghalqa kull darba. Issa dan ilna ninzlu*

*hemm… nafu tifel zghir jiena. .. Issa dan xtrajnieha l-ghalqa taghna jrid jghid li ahna m'ghandniex triq minn hemm.*" Skont l-imputat meta kien qed iferraqhom qal is-segwenti: *"Nin tghalliniex. Aqbad u itlaq.*" Spjega li Emanuel Micallef imbaghad rikeb, saq lura u telaq b'lura u wara mar jaghmel rapport l-ghassa "*ghax huwa hekk jaghmel ghax jien gieli ma mmurx l-Ghassa u nirrapporta.*" In kontroezami l-imputat ikkonferma li huwa jaf li kellu garanzija.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz inezami l-Qorti hija konfrontata b'verzjonijiet kontrastanti. Min-naha wahda hemm il-parte civile li huwa ragel anzjan li qieghed jallega li gie ferut waqt argument u min-naha l-ohra hemm l-imputati, iben u missier, fejn Noel Vassallo qal li huwa gie aggredit mill-parte civile.

Illi konfrontata b'tali verzjonijiet kontrastanti l-Qorti ser tezamina l-kredibilita` tax-xhieda.

Illi jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti l-prassi hija li ghandha tillibera stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero` l-Qorti tista' wkoll tezamina l-kredibilita` tax-xhieda kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' Mejju, 1997 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Fil-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003 gie ritenut illi: *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Fil-kawza **Amabile Cauchi vs Gianni Attard** tal-21 ta' Mejju 1955, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi: *"biex tezamina l-kredibbilita` tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji – ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm zewg xhieda principjanti, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita` hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti."*

Il-Qorti tinnota li l-parte civile, li huwa ragel anzjan ta' 75 sena, zamm kostanti mal-verzjoni tieghu u kien anki dettaljat f'dak li qal. Min-naha l-ohra l-Qorti nnutat li l-imputati bejniethom ma tawx l-istess verzjoni anki jekk huma kellhom il-vantagg, bhala ko-akkuzati, li jisimghu d-deposizzjoni ta' xulxin. L-imputat Noel Vassallo, li fid-data tal-incident kien ghad kellu biss cirka 22 sena, qal li huwa gie aggredit mir-ragel anzjan fejn qal li kellu jiddefendi ruhu. Il-Qorti thoss li jekk dan verament kien minnu, l-imputat xorta wahda mar oltre l-limitu fejn sahansitra kisser it-tieqa tal-vann tal-anzjan apparti li kkagunalu griehi hfief. Il-Qorti tinnota wkoll li ghalkemm l-imputat Alfred Vassallo kien propju fil-vicinanzi, ghaliex kif xehdu l-vetturi taghhom kienu hdejn

xulxin, huwa ma qal assolutament xejn dwar min beda l-argument fiziku. Huwa di fatti qal biss li sema' l-ghajjat, hares lura u rahhom ma' xulxin u ghalhekk mar biex jifridhom. L-imputat lanqas biss ipprova jaghti ftit dawl fuq min seta' beda l-glieda. Il-Qorti thoss li gjaladarba kien hemm diga` dizgwid bejn il-partijiet huwa pjuttost stramb kif l-imputat Alfred Vassallo lanqas biss kien qed ihares lejn ibnu li mar hdejn il-parte civile. Anzi kellu propju jghid li meta sema' l-ghajjat 'hares lura'. Il-Qorti hadet l-impressjoni li l-imputat Alfred Vassallo kien pjuttost evaziv fit-testimonjanza tieghu.

Illi konfrontata b'dawn iz-zewg verzjonijiet kontrastanti l-Qorti thoss li l-parte civile kien iktar kredibbli fil-verzjoni tieghu. F'dan is-sens il-Qorti taghmel riferenza ghas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 638 li jghid: ".....f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar."

Illi sorvolata l-kwistjoni tal-kredibilita`, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova oltra kull dubju dettat mir-raguni kemm l-ewwel akkuza u anki t-tieni akkuza. Ghall-

kuntrarju pero` ma gabet l-ebda prova sabiex tissostanzja t-tielet akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 221, 325(1)(b) u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputati Noel Vassallo u Alfred Vassallo hatja tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi kif dedotti kontrihom u tikkundannahom ghall-piena ta’ ghaxar (10) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tissospendihom ghal sentejn (2), filwaqt li tilliberahom mit-tielet (3) akkuza fuq nuqqas ta’ provi.

Il-Qorti qieghda wkoll tapplika ordni ta’ protezzjoni a favur il-parte civile Emanuel Micallef ghall-perjodu ta’ sentejn (2) mil-lum ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Noel Vassallo u Alfred Vassallo l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**
**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**